# Final Speech by Judge Philip Sciberras

**Share**

jcmwebs removed name Thu, 10/14/2010 - 08:34



Sur President tal-Kamra, għeżież kollegi, sinjuri avukati.

Wasalt fl-aħħar tal-vjaġġ tiegħi bħala ġudikant. Vjaġġ li kellu l-bidu tiegħu bil-ġurament li ħadt fid-9 ta' Ottubru tal-2002. Sena li fiha ftit xhur qabel seħħ l-event li skossa mill fondament l-istituzzjoni tal-ġudikatura u tistgħu allura tobsru ix-xorta ta' magħmudija li dħalt għalja. Ma qtajtx qalbi għax deherli li kont kapaċi nerġa, fil-mod u ċ-ċokon tiegħi, flimkien mal-maġġjor parti ta' ġudikanti oħra ħawtiela, nagħti sehmi biex tinkiseb lura il-fiduċja li kienet theżżet. U dan permezz ta' dak l-aqwa miraklu li hu x-xogħol u l-eżempju li jkaxkar. Kull ġudikant aspirant għandu jifhem li l-fiduċja ma tintilifx biss b'xi att ta' korruzzjoni jew ta' favoritiżmu, in se delitti, iżda ukoll bil-għażż, in-negliġenza u l-insensibilita`, anke` għaliex dawn huma ħtijiet gravi. Tajbin kemm huma tajbin l-emendi leġislattivi intiżi biex iħaffu l-proċeduri u jegħlbu d-dewmien eżaġerat, fiħ innifsu skandaluż, il-ġudikant aspirant għandu japprezza illi kif kien jgħid il-Calamandrei fl-opra` tiegħu "Elogio dei Giudici" il-ġudikant jappartjeni għal dak l-ordni reliġjuż fejn jekk xi wieħed jitnikker u ma jkunx ta' eżempju tajjeb jista jiġri li l-kredenti jitilfu l-fidi. L-espressjoni "ora et labora" ma tgħoddx biss għal-monastiċi iżda tgħodd ukoll għall-ġudikanti u jien dejjem emmint li l-ħidma tal-ġudikant m'għandiex ikollha orarju jew waqfien. Dan qed ngħidu għaliex, kif tafu inthom, evitajt kemm stajt id-dewmien fl-għoti tas-sentenzi, u dan mingħajr "Sturm und Drang" (storm and stress) jew pressjoni żejda għall-Avukati.

Kull proċess jiftaħ it-triq għall-mixja ġdida, kultant twila, bil-kumpilazzjoni tal-provi, l-eżami tagħhom, ir-riċerka tal-punti tad-dritt u

r-redazzjoni tas-sentenza. Uħud minnhom imbagħad jeżiġu aktar approfondiment u studju fejn is-suġġett ikun novell għall-istess ġudikant. Minn dawn, kif tafu inthom, kelli bil-bosta ġialadarba`, u speċjalment f'dawn l-aħħar snin, il-leġislatur Malti għoġbu, f'gamma wiesgħa` ta' liġijiet, jagħżel lil-Qorti tal-Appell sede Inferjuri, li sal-lum ippresjedejt, bħala d-depożitarja li lilha jsiru appelli minn deċiżjonijiet tat-tribunali u bordijiet speċjali. Il-lista hija twila biex insemmihom kollha iżda biex nagħti xi eżempji nirreferi għal-liġijiet fiskali (VAT, Eko-Kontribuzzjoni u Income Tax), il-liġi dwar is-servizzi finanzjarji, il-liġi dwar it-telekomunikazzjoni u liġijiet oħra varji bħal dawk dwar il-protezzjoni tad-data, tal-privattivi, tal-edukazzjoni u tat-turiżmu. Dan kollu u apparti l-appelli mit-tribunal industrijali, it-tribunal tal-arbitraġġ, dawk taħt il-liġi dwar is-sigurta` soċjali u appelli mill-Qorti Ċivili Inferjuri, mit-tribunal għal talbiet żghar, mit-tribunal ghall-konsumatur u mill-bordijiet tal-kera. Għalija kien xogħol varjat iżda ukoll ikkumplikat. Huwa veru ukoll li maġġorment l-appell lil-Qorti presjeduta minni fil-każ ta' ċerti tribunali taħt il-liġijiet speċjali hu wieħed ristrett għal-punt ta' liġi iżda nassikurakom illi ma teżistiex diffikulta` maġġuri fejn ġudikant għandu jiddelineja id-demarkazzjoni bejn il-punt tad-dritt u l-punt ta' fatt. Uħud huma ċari, uħud ferm anqas ċari. Fiż-żgur, ma għażeltx l-iskappatojja faċli fid-determinazzjoni ta' din il-problematika, għaliex din ma sserviex is-sens ta' ġustizzja.

Kif taraw il-kompitu` kien wieħed monumentali iżda, la jien minn dejjem kont stakanovista`, stinkajt kemm stajt, u dan tixdhu l-istatistika ta' din il-Qorti. Għal min jiddeletta biċ-ċifri għandu jkun jaf li, magħduda is-**67** sentenzi li ngħataw illum, fuq firxa ta' tmien snin l-Imħallef sedenti, bejn deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Inferjuri u dawk tal-Prim Awla Qorti Ċivili, ippronunzja mhux anqas minn **2529** sentenza, ossija ras ghal-ras **316** sentenzi fis-sena. Ħdimt bil-mod tiegħi. Inqum kmieni ħafna filgħodu, naqra l-proċess, nagħmel in-notamenti, nirriċerka u nirredieġi is-sentenzi. Dejjem b'ċertu żelu. Mingħajr daqq ta' trombi jew fanfarri. Li hu ċert hu li, falsa modestja apparti, ma naħsibx li jista ġenwinament fir-rigward tal-Qrati li ppresedejt jista qatt jiġi xi segretarju parlamentari tal-Ġustizzja, illum Ministru, ilissen, kif kien qal f'intervista lit-Times ta' 28 ta' Jannar 2005, illi "something's rotten in the State of Denmark". Fiċ-ċert ukoll, għal min hu midħla tal-istorja, ma naħsibx li qatt kien hemm in-neċessita` li tiġi applikata fil-konfront tiegħi s-sistema ta' Teodoriku, Re` tal-Ostrogoti.

Forsi hawn min jistgħaġeb biċ-ċifra ta' deċiżjonijiet li għadni kif semmejt. Nassikurah li m'għandux għalfejn. L-etika tad-dover, dejjem virtu` imperanti, kienet teżiġi dan minni. Naturalment f'dan l-impenn ma setgħax jonqos li jkolli l-assistenza fejjieda ta' dawk it-tliet fatturi motriċi li dejjem mexxewni. Jiġifieri l-amor proprju u l-imħabba għal-liġi, is-sens ta' dmir, u d-dixxiplina li meta kawża jew appell jitħallew għas-

sentenza ikun żgurat li s-sentenza tingħata fil-jum prefiss. Ma setgħax jonqos imbagħad li jkolli bi gwida nebbieħa il-patrimonju interprettativ trajnanti ta' ġudikanti eruditi u awtorevoli li ġew qabli, sa minn żmien remot, u li bihom il-kultura ġurisprudenzjali tal-Qrati tagħna hi mogħnija. Patrimonju hekk għani u ta' inspirazzjoni għall-istudjużi tat-tessatura intrikata, u dejjem ikkumplikata, tal-liġijiet. Fejn stajt ikkonċentrajt ukoll fuq id-dottrina legali l-aktar aġġornata u l-każistika internazzjonali l-aktar akkreditata u li flimkien jirriflettu l-ispirtu` prattiku progressiv taż-żmenijiet, sew dak etiku-ġuridiku, sew dak soċjo-kulturali. Proprju` kif enunċjajt f'waħda mis-sentenzi mogħtija minni llum, "Mhux mingħajr raġuni illi fil-kors taż-żmenijiet il-Qrati tagħna qagħdu attenti illi l-liġi ma ssirx strument ta' formaliżmu u ta' sottiljezzi li ma jkunux jappellaw għall-eżiġenzi kostruttivi tal-ħajja moderna." Hu għaldaqstant rakkomandabbli dejjem li id-deċiżjonijiet futuri li għad iridu jinkitbu mill-kollegi li ser inħalli warajja u dawk li għad iridu jiġu ma jitbegħdux minn din il-meta, b'mod speċjali f'materja ta' indoli kostituzzjonali u amministrattiva jekk irridu li d-deċiżjonijiet jissoktaw, jipprogredixxu u jirċievu dik il-vitalita` li tgħodd għaż-żmenijiet tal-lum u ukoll dawk ta' għada.
Meta nħares lura ninsab sodisfatt u, għaliex le, kburi għas-sehem ċkejken li tajt biex jissokta jogħla l-livell tad-deċiżjonijiet, u li kieku ma kienx għal fatt tal-eta` stajt forsi nkompli nagħti. Hawnhekk nixtieq nagħmel parentesi żgħira biex ningħaqad mal-kotra ta' dawk li f'dawn l-ahhar xhur lissnu fehmithom fuq dan is-suġġett tal-eta` tal-irtirar tal-ġudikant. Minn hawn jien ukoll fermement nirrakomanda illi l-Eżekuttiv jirrikonsidra il-pożizzjoni inflessibbli li adotta u jikkonċedi illi ġudikant għandu jkompli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu anke` wara li jilħaq l-eta` statutorja ta' **65** sena. Mira din li, jekk xi darba tintlaħaq, għandha tkun waħda fakoltativa għall-ġudikant li jkun, ġialadarba` tiddependi minn fatturi għalieħ speċjali. Ad eżempju, l-istat ta' saħħtu. M'għandix dubju illi waħdu jintebaħ dak il-ġudikant meta għandu jieqaf minn ħidmietu. Dan huwa ż-żmien fejn x'aktarx is-sentenzi tiegħu jibdew jimordu bl-arterjo sklerożi u d-demm tal-impenn u tal-ġustizzja ma jiċċirkolax iżjed. Apparti l-fatturi motriċi li aċċenajt għalihom hawn fuq inkun nonqos jekk ma nsemmiex l-għajnuna kbira li rċievejt mill-bosta matul dawn it-tmien snin. Nibda mis-support li dejjem tawni l-membri tal-familja tiegħi u l-aktar tal-paċenzja Penelopjana ta' marti Rose u kompli fl-istaff kollu tiegħi: Manwel Schriha li kien r-reġistratur tiegħi u baqa jeħodli ħsieb jittajpjali s-sentenzi sforz l-inesperjenza tiegħi fit-tħaddim tal-kompjuter, Anna Xuereb li daħlet sostituta denja tiegħu, lil Marixxal Johnny Micallef u lil Joe Magro magħruf minn kullħadd bħala l-Case. Ma jistax ikun li nonqos li nsemmi lix-xufier tiegħi Raymond Debattista u r-rapport speċjali li l-familja tiegħi kollha kellha l-fortuna` li toħloq miegħu. Għalina dan ser nibqgħu inqisuħ bħala wieħed mill-membri tal-familja

tagħna. Ma' din il-lista jiżdiedu ukoll ċerti ġudikanti sħabi. Fosthom, b'mod partikolari, ma nistax ma nsemmiex lil-Maġistrat Anthony Ellul li miegħu minn jaf kemm il-siegħa qattajna telefonikament niddiskutu u niddibattu kwestjonijiet ġuridiċi ta' ċerta komplessita`, jew biex jagħtini referenzi tas-sentenzi li nkun tajt jien stess. Ta' dan niżżihom ħajr lil kull wieħed u waħda minnhom. Kif ukoll grat ħafna lejkom l-avukati li ikkoperajtu miegħi f'din il-ħidma fejjieda għas-sens ta' dover versu il-patroċinati tagħkom u tal-amministrazzjoni in ġenerali tal-ġustizzja. Ovvjament ma jistax jonqos li jingħad li mhux kollox, u dejjem, kien ward u żahar għaliex xi minn daqqiet, kif inkiteb minn xi ħadd, "anche` le formiche nel loro piccolo s'incazzano".

Għalkemm konxju li r-rebbieħ ifaħħar u t-tellief imaqdar, in ġenerali m'għandiex minn xhiex nilmenta. Mill-bqija inħalli għall-ġudizzju tal-istorja.

Illum fis-sewwa nistqarrilkom li nħoss ċerta għafsa li ser intemm il-karriera tiegħi ta' ġudikant meta nqis li għad nista nagħti kontribut siewi, żgħir kemm hu żgħir. L-isfortuna`, jew il-fortuna`, skont minn liema lenti tħares lejha, hi dik li issa uliedi ser ikollom jitqannew bija fl-uffiċju, anke` jekk ser nittanta nirreżisti li nkun eżiġenti żżejjed.

Qabel ma ngħalaq nixtieq intenni li matul dawn it-tmin snin osservajt kambjament għat-tajjeb fit-tmexxija tal-kawżi u l-kwalita` tas-sentenzi dovut għall-isforz kollettiv li sar minn numru ta' imħalfin u maġistrati. Evidentement qatt ma hu biżżejjed. Iżda fil-fehma umli tiegħi dan l-isforz kellu almenu jsib riskontru ta' apprezzament minn min, fis-setgħa` tiegħu, tiddependi l-għażla "ad altiora". Għall-"buon intenditor, poche parole".

Proprju fuq nota ta' l-ahhar qabel ma inthom l-avukati teħilsu minni għal min minnkom mhux midħla ta' dik l-opra` letterarja grandjuża ta' Rabelais "Gargantua u Pantagruel" opportunement nagħlaq b' din l-espressjoni kaptata minn din l-istess opra`: "Adieu. Tantx tiftakru fid-difetti tiegħi li tinsew lil dawk tagħkom."

**Imħallef Philip Sciberras**